**3 ta’ Novembru**

**Tifkira ta’**

S. MARTIN DE PORRES, RELIĠJUŻ

Twieled f’Lima, il-Peru’, fl-1579, minn missier spanjol u omm sewda. F’żgħożitu tgħallem idewwi u tħarreġ f’din is-sengħa, li aktar tard, wara li daħal Dumnikan, ħaddimha b’karita’ mal-foqra. Kien bniedem umli u għakkes ħafna lilu nnifsu; id-devozzjoni tiegħu lejn l-Ewkaristija kienet tal-għaġeb. Miet fl-1639.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi...

**Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant. ta’ Żakkarija Imbierek il-Mulej, għax feda l-ġnus kollha, u sejjaħ lil kulħadd mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.

Talba

O Alla, int għaddejt lil San Martin de Porres mit-triq ta’ l-umilta’ biex wassaltu fil-glorja tas-sema; agħmel li ngħixu fuq l-eżempji sbieħ tiegħu, biex jistħoqqilna li tgħollina miegħu fis-sema. B’Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant. ta’ Marija Infaħħru l-kobor tal-Mulej, għax għolla bid-doni tas-sema lill-qaddej umli tiegħu Martin.